Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/745

26.3.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/745**

**tal-24 ta' Marzu 2026**

**dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribut ta' Stat terz għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (EUNAVFOR ASPIDES/3/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) ([1]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES), fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u tal-Kumitat Militari tal-UE (EUMC).

(2) Wara r-rakkomandazzjonijiet mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u mill-EUMC fir-rigward ta' kontribut mir-Renju tan-Norveġja, jenħtieġ li dak il-kontribut jiġi aċċettat u meqjus bħala sinifikanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kontribut mir-Renju tan-Norveġja għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) huwa aċċettat u meqjus sinifikanti.

2. Ir-Renju tan-Norveġja huwa eżentat minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUNAVFOR ASPIDES.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

L. MANDEL VENSILD

---

([1]) ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj.